MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-15 ta' April, 2004

Numru 997/2002

**Il-Pulizija**

(Spettur Bernard Zarb)

**vs**
**Ezzeldin Hassan Wally Eldin Aly Hassan**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ezzeldin Hassan Wally Eldin Aly Hassan ta' 38 sena, bin (late) Hassan u Shawqija nee' Muhammed, imwieled Alexandra, l-Egittu fl-1 ta' Settembru 1964, detentur tal-karta ta' l-Identita bin-numru 20062A,
1.Talli ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' karta ta' l-

identita billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, dan il-ksur ta' Artikolu 183 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.Talli ukoll ghamel xjentament uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, dan bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3.Talli ukoll sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalieh innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtroita pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, dan bi ksur ta' l-Artikolu 188 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4.Talli ukoll ghamel dikjarazzjoni falza, jew ta xi taghrif falz, jew ipproduca dokument falz, meta kien jaf li dan huwa falz, jew iffalsifika karta ta' l-identita jew xi dokument iehor u dan bi ksur ta' l-Artikolu 14 tal-kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tas-sbatax ta' Marzu 2004.

Rat li fis-seduta ta' llum l-akkuzat ammettal-akkuzi migjuba kontrih u rega tenna fil-prezenza ta' l-Avukat tieghu wara li gie imfisser lilu x'jigifieri ammissjoni.

Issibu hati tar-reati taht l-Artikolu 188 tal-kap 9 u l-Artikolu 14 tal-kap 258 u mhux hati tar-reati taht l-Artikoli 183 u 184 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-Artikolu 28A tal-kap 9.

Tiddeciedi li tapplika l-ahhar imsemmi artikolu stante il-kondotta ta' l-akkuzat.

Tikkundannah sena (1) prigunerija liema sentenza m'ghandiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat jaghmel reat iehor fi zmien sentejn (2).

Il-Qorti qed tispjega lill-hati bi kliem car ir-responsabilta tieghu jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalieh hemm sentenza ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------